

# SAN FRANĠISK FL-ART IMQADDSA (III) (1219 - 2019)

*Noel Muscat ofm*

## San Franġisk jiddeċiedi li jmur quddiem is-Sultan

Waqt il-perjodu qasir ta' waqfien mill-ġlied bejn il-Ħames Kruċjata u al-Malek al-Kamel, f'Settembru 1219, San Franġisk ħa deċiżjoni li kellha tkun kruċjali u li setgħet tkun biss riżultat ta' bniedem ġenju li kien jara fil-bogħod. Il-fatti kif seħħew huma dokumentati fil-

kitbiet ta' kronisti li kienu membri tal-Ħames Kruċjata. Dawn il-kronisti kitbu b'intenzjoni li jirrakkontaw il-fatti tal-Kruċjata, u ma kienx jimpurtahom direttament minn San Franġisk. Imma l-fatt li jsemmu li Franġisku mar iżur lis-Sultan tal-Eġittu jurina li dan l-aġir tal-qaddis kien tassew avveniment uniku li qanqal l-attenzjoni ta' kull min kien involut fil-ġrajja traġika tal-Ħames Kruċjata.

Fost dawn il-kronisti, l-aktar wieħed li jitkellem fid-dettall fuq din il-laqgħa hu Ernoul, li kien ġie għall-Kruċjata fis-servizz ta' Balian II ta' Ibelin, li kien sinjur nobbli ta' wieħed mill-istati Kruċjati. Dan kiteb il-kronaka tiegħu bil-Franċiż antik bejn l-1227 u l-1229. Golubovich ittraduċiha u ppubblikaha fil-*Biblioteca bio-bibliografica*, I, 10-13.

Xhud ieħor tal-istess ġrajja, imma li jirrepeti ħafna dak li jgħid Ernoul, kien il-kronista Bernard it-Teżorier, li kiteb fl-1229. Aħna se nġibu r-rakkont ta' Ernoul:

"Issa se nkellimkom dwar żewġ kjeriċi li kienu jinsabu fost l-armata f'Damietta. Huma marru quddiem il-Kardinal (Pelagius), u qalulu li kienu jixtiequ li jmorru jippridkaw lis-Sultan, imma li ma ridux jagħmlu hekk mingħajr il-permess tiegħu. Il-Kardinal qalilhom li, għal dak li kellu x'jaqsam miegħu hu, huma ma kinux se jmorru la bil-barka tiegħu u lanqas taħt ordinijet tiegħu, għaliex hu qatt ma kien se jkun lest li jagħtihom permess biex imorru f'post li fih kienu jistgħu jinqatlu. Għax hu kien jaf sewwa li jekk huma jmorru hemmhekk, qatt ma kienu se jerġgħu jiġu lura. Imma huma wieġbu li, jekk huma riedu jmorru, hu ma kien se jkollu l-ebda ħtija, għaliex ma kienx hu li kkmandahom imorru, imma biss tahom il-permess biex imorru.

U hekk huma komplew jinsistu mal-Kardinal. Meta hu ra li kienu deċiżi fir-rieda tagħhom, qalilhom: 'Sinjuri, jiena ma nafx x'għandkom f'qalbkom u fi ħsibijietkom, jekk humiex ħwejjeġ tajbin jew ħżiena, imma jekk intom se tmorru, araw li l-qalb tagħkom u ħsibijietkom ikunu dejjem imdawrin lejn il-Mulej Alla.' Huma wieġbu li riedu jmorru biex iwettqu għemil tajjeb li huma kienu ilhom jixtiequ jirrealizzaw. Imbagħad il-Kardinal qalilhom li kienet ħaġa tajba li jmorru jekk kienu jixtiequ hekk, imma li ma kellhom iħallu lil ħadd jaħseb li kien hu li bagħathom."

Ir-rakkont ikompli, imma għalissa nieqfu hawnhekk.



*Il-Konkwista ta' Ġerusalemm*


*Onorju III - Leandro Bassano*

Ernoul jagħtina dettalji interessanti dwar il-preparattivi ta' Franġisku u sieħbu, li kien fra Illuminato minn Rieti. Jidher ċar li l-iskop ta' San Franġisk, li għalih mar Damietta, kien proprju li jirnexxilu jmur jiltaqa' ma' al-Malek al-Kamel personalment. Hu sab l-okkażjoni tajba meta l-Kruċjati kienu obbligati li jitolbu żmien ta' waqfien mill-ġlied wara t-telfa diżastruża li kienu sofrew fid-29 ta' Awwissu 1219.

Il-fatt li Franġisku ried jitlob permess mill-Kardinal Legat għandu wkoll l-importanza tiegħu. Nafu li l-Kruċjata kienet għaddejja minn kriżi, għax fiha kien hemm gruppi li kienu qed jappoġġjaw lir-Re Jean de Brienne, u oħrajn li kienu jappoġġjaw lill-Kardinal Pelagius. F'kelma oħra l-kriżi kienet tirrigwarda t-tmexxija effettiva tal-Kruċjata. Għalkemm il-forzi militari tal-Kruċjata kienu frott ta' alleanzi politiċi, imma l-Papa Onorju III kien iddeċieda li l-Kruċjata kienet battalja qaddisa, u li kellha tkun il-Knisja li tmexxiha. Għal din ir-raġuni kien bagħat lill-Kardinal Pelagius, li kellu l-appoġġ tal-Kruċjati Taljani u tal-Ordnijiet kavallereski tat-Templari u l-Ospedalieri, li kienu jiffurmaw parti sostanzjali mill-Kruċjata. Pelagius kien jaf li kien hemm projbizzjoni papali,

taħt piena ta' skomunika, li xi Kristjani jgħaddu għall-kamp tas-Saraċini u jikkomunikaw magħhom. Kif se naraw aktar 'il quddiem, din l-iskomunika kienet tkopri wkoll kull inizjattiva spontanja li Kristjani jmorru pellegrini fl-Art Imqaddsa u jidħlu fil-Postijiet Qaddisa billi jkollhom iħallsu l-pedaġġ lill-awtorità Musulmana. San Franġisk ried imur għand is-Sultan bil-barka tal-Knisja. Pelagius ma qabilx miegħu, imma l-insistenza umli tar-raġel pellegrin fqajjar li sab quddiemu wasslitu biex fl-aħħar jeħles minnu basta ma jidhirx li kien hu li bagħtu. Fl-inġenwità u l-ġenjalità tiegħu Franġisku kellu bżonn biss ta' dan, biex jieħu l-inizjattiva f'idejh u jmur għand is-Sultan.

## Ir-rakkont tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan fil-Kronaka ta' Ernoul

"Għaldaqstant iż-żewġ kjeriċi ħallew il-kamp Kristjan u rħewlha lejn il-kamp tas-Saraċini. Meta l-għassiesa Saraċini rawhom ġejjin, ħasbu li kienu messaġġiera jew forsi kienu ġew biex jiċħdu l-fidi tagħhom. Malli ltaqgħu magħhom qabduhom u wassluhom għand is-Sultan.

Meta daħlu fil-preżenza tiegħu sellmulu. Is-Sultan ukoll sellmilhom u staqsihom jekk ridux isiru Saraċini jew inkella kinux ġew b'xi messaġġ. Huma wieġbu li qatt ma kienu se jsiru Musulmani, imma li kienu ġew għandu bħala messaġġiera f'isem il-Mulej Alla, sabiex hu jdawwar ruħu lejn Alla. Qalulu: 'Jekk inti tixtieq temminna, aħna ngħaddu ruħek għand Alla, għax aħna qed ngħidulek fil-verità li jekk inti tmut fil-liġi li tistqarr bħalissa, inti tintilef u Alla ma jilqax lil ruħek. Għal din ir-raġuni ġejna. Imma jekk inti tismagħna u tipprova tifhimna, aħna nuruk kollox b'argumenti konvinċenti, fil-preżenza tal-aktar mgħallmin għorrief tas-saltna tiegħek. Jekk inti tiġmagħhom hawnhekk nuruk kif il-liġi tagħkom hi falza.'

Is-Sultan wieġeb li hu kellu l-arċisqfijiet, isqfijiet u kleru tal-liġi tiegħu, u li ma kienx lest li jisma' dak li jgħidulu jekk mhux fil-preżenza tagħhom. Iż-żewġ kjeriċi wieġbu: 'Tajjeb, ordnalhom jiġu hawnhekk, u jekk aħna ma nkunux nistgħu nuru b'argumenti solidi li dak li ngħidulek hu veru, jiġifieri li l-liġi tagħkom hi falza - jekk inti lest li tisma' u tifhem - allura mbagħad tista' taqtgħalna rasna barra.' Għalhekk is-Sultan ordnalhom jidħlu miegħu fit-tinda tiegħu. U xi wħud mill-irġiel nobbli u għorrief tas-saltna tiegħu ġew flimkien maż-żewġ kjeriċi biex jagħmlu dik il-laqgħa.

Meta kulħadd kien inġema' s-Sultan spjega r-raġuni għaliex kien sejħilhom flimkien u ġabhom fil-preżenza tiegħu. Qalilhom ukoll dak li kienu qalulu ż-żewġ kjeriċi, u l-intenzjoni li biha kienu ġew quddiemu. Imma dawn weġbuh: 'Sinjur, inti x-xabla tal-liġi: inti għandek id-dmir li żżommha u tiddefendiha. Aħna nikkmandawk, f'isem Alla u Muħammad, li tana l-liġi, biex taqtgħalhom rashom barra issa stess, għaliex aħna ma rridu nisimgħu xejn minn dak li għandhom xi jgħidu. Aħna wkoll inwissuk biex ma tagħtihomx widen, għaliex il-liġi tipprojbixxi li aħna nisimgħu lil min jippriedka (xi reliġjon oħra). U jekk ikun hemm xi ħadd li jrid jippriedka jew jitkellem kontra l-liġi tagħna, il-liġi tikkmanda li għandna naqtgħulu rasu barra. Għal din ir-raġuni aħna nikkmandawk, f'isem Alla u f'isem il-liġi, biex taqtgħalhom rashom issa stess, kif trid il-liġi.'

Malli qalu hekk huma telqu 'l barra mingħajr ma riedu jlissnu kelma oħra. Is-Sultan baqa' waħdu maż-żewġ kjeriċi. Imbagħad is-Sultan qalilhom: 'Sinjuri, dawk qaluli li f'isem Alla u f'isem il-liġi jiena għandi nordna li jaqtgħulkom raskom, għax hekk hu preskritt. Imma jiena se naġixxi kontra l-liġi, għaliex jiena minix se nikkundannakom għall-mewt. Għax azzjoni bħal dik tkun ta' ħsara fuqkom, intom li lgħabtu l-kuxjenza

tagħkom fil-periklu li tmutu biex issalvawli ruħi għal Alla.' Wara li qal dan, is-Sultan qalilhom li jekk kienu jixtiequ, huma setgħu jibqgħu miegħu, u li hu kien lest li jagħtihom ħafna artijiet u possedimenti. Imma huma wieġbu li ma ridux joqogħdu hemm, billi huma raw li hu ma riedx jismagħhom jew jifhem il-messaġġ tagħhom. Għalhekk talbuh li jerġgħu lura fil-kamp Kristjan, jekk hu jagħtihom permess.

Is-Sultan weġibhom li hu bil-qalb kollha kien lest li jħallihom jirritornaw qawwijin u sħaħ fil-kamp Kristjan. Mhux biss, imma ġab kwantitajiet kbar ta' deheb, fidda, u ħwejjeġ tal-ħarir u stedinhom jieħdu dak kollu li riedu. Huma qalulu li ma kienu se jieħdu xejn, ġaladarba ma setgħux jakkwistaw ruħu għall-Mulej Alla, għax huma kienu jqisu din bħala l-aktar ħaġa prezzjuża li setgħu jagħtu lil Alla, aktar milli jippossjedu teżori. Qalulu li kien biżżejjed jekk jagħtihom xi ħaġa biex jitrejqu, u mbagħad huma kienu lesti li jitilqu, ġaladarba hemmhekk ma setgħu jagħmlu xejn aktar. Is-Sultan offrielhom ħafna ikel, u mbagħad huma sellmulu u marru lura, u hu ordna li jiġu skortati qawwijin u sħaħ biex imorru lura fl-armata Kristjana."

## Ir-rakkont tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan f'Jacques de Vitry

Diġà semmejna lil dan l-Isqof ta' Akri, li kien preżenti fil-Ħames Kruċjata bħala predikatur. Jacques de Vitry hu xhud ta' min wieħed joqgħod fuqu dwar San Franġisk u l-bidu tal-Ordni tiegħu. Fil-fatt, ftit wara li ġie ordnat Isqof, hu kiteb ittra minn Genova fl-1216, ftit qabel ma salpa lejn Akri, li hi l-eqdem dokument li għandna dwar l-eżistenza tal-patrijiet Minuri fl-Umbria. Meta mbagħad wasal Damietta, jidher li sar jaf bil-preżenza ta' San Franġisk fil-kamp tal-Kruċjati, għax jitkellem dwaru u dwar il-laqgħa li kellu mas-Sultan tal-Eġittu f'ittra li kiteb minn Damietta fl-1220:

"L-imgħallem ta' dawn l-aħwa, jiġifieri l-fundatur ta' dan l-Ordni, ġie fil-kamp tal-eżerċitu tagħna, mimli bil-



*Ghirlandaio, S. Franġisk u l-prova tan-nar quddiem is-Sultan, c. 1483, Cappella Sassetti, Firenze*

ħeġġa tal-fidi, u ma kellux biża' li jmur f'nofs l-eżerċitu tal-għedewwa tagħna u għal bosta ġranet ippriedka lis-Saraċini l-kelma ta' Alla, imma mingħajr ħafna frott. Is-Sultan tal-Eġittu, mandankollu, talbu, ras imb ras, biex jitlob lill-Mulej għalih sabiex, bl-ispirazzjoni divina, hu jkun jista' jħaddan dik ir-reliġjon li l-aktar togħġob lil Alla." (*Fonti għall-Ħajja ta' S. Franġisk*, Vol. 2, 1687).

L-istess Isqof kiteb ukoll opra bit-titlu *Historia Occidentalis.* Fil-kapitlu 32 tagħha jitkellem "Dwar l-Ordni u l-Predikazzjoni tal-Patrijiet Minuri", u jerġa' jsemmi l-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan:

"Aħna stajna naraw lil dak li hu l-ewwel fundatur u l-imgħallem ta' dan l-Ordni, u li lilu jobdu l-oħrajn kollha bħala s-superjur ġenerali tagħhom. Hu raġel sempliċi u bla skola, imma għażiż għal Alla u għall-bnedmin, u jismu Fra Francino. Hu kien hekk mimli b'imħabba qawwija u ħeġġa tal-ispirtu li, meta ġie fl-eżerċtu Kristjan, li kien ikkampjat quddiem Damiata, fl-art tal-Eġittu, ried imur, bla biża' u armat biss bit-tarka tal-fidi, fil-kamp tas-Sultan tal-Eġittu. Lis-Saraċini li kienu qabduh priġunier tul it-triq, hu beda jtennilhom: 'Jiena nisrani, ħuduni quddiem is-sinjur tagħkom.' Meta ħaduh quddiemu, u s-Sultan qies il-bixra tal-bniedem ta' Alla, il-bhima kiefra ħassu mibdul fi bniedem umli, u għal bosta ġranet kien jisimgħu bir-reqqa, waqt li hu kien jippriedka lil Kristu quddiemu u quddiem il-kbarat tiegħu. Imbagħad, billi beda jibża' li xi ħadd minn dawk ta' madwaru jħalli lilu nnifsu jikkonverti lejn il-Mulej minħabba l-qawwa tal-kliem tiegħu, u hekk jgħaddi fl-eżerċtu tal-insara, reġa' bagħtu lura fil-kamp tagħna, bil-ġieħ u l-ħarsien mill-periklu. Hu u jinfired minnu, talbu hekk: 'Itlob għalija, sabiex Alla jogħġbu jurini liema liġi u fidi hi l-aktar li togħġbu'" (*Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk*, Vol. 2, 1695).

## Analiżi storika-kritika ta' din il-ġrajja

Ir-rakkont ta' Ernoul jidher li għandu valur storiku importanti, għax ma fih l-ebda element ta' żjieda leġġendarja jew apoloġetika kif naraw fil-fonti dokumentarji aktar tardivi. Fl-istess żmien li kiteb Ernoul u miegħu Jacques de Vitry, fra Tommaso da Celano kien qiegħed jikteb il-*Vita beati Francisci*, li ppreżenta lill-Papa Girgor IX fil-25 ta' Frar 1229. Din hi l-ewwel biografija ta' San Franġisk fost is-sensiela ta' biografiji hekk imsejħin "uffiċjali", bl-iskop li tippreżenta lil San Franġisk, li kien għadu kif ġie kkanonizzat fis-16 ta' Lulju 1228, bħala mudell ta' perfezzjoni Kristjana. Celano hu l-ewwel wieħed li jitkellem mill-impenn ta' San Franġisk li jmur fost is-Saraċini. Isemmi tliet avvenimenti, jiġifieri dak tal-1212, meta Franġisku qasam il-baħar minn Ancona imma spiċċa fid-Dalmazja, dak tal-1213, meta ried imur jevanġelizza lis-Saraċini fi Spanja u jiltaqa' mal-Miramolino, imma marad u kellu jirritorna, u l-vjaġġ tal-1219 li fl-aħħar wasslu fl-Orjent. In-nota karatteristika ta' Celano, u tal-biografi l-oħrajn uffiċjali li kitbu warajh (Julian minn Speyer, Bonaventura minn Bagnoregio), hi dik li jippreżentaw lil San Franġisk li jmur fost is-Saraċini *sacri martyrii desiderio flagrans* (imħeġġeġ bix-xewqa tal-martirju mqaddes), *ad praedicandam fidem christianam* (biex jippriedka l-fidi Kristjana). Ir-rakkont fil-*Vita beati Francisci* (1C 56-57) kellu jipprovdi l-bażi ta' kull rakkont ieħor. Interessanti li kien proprju fl-istess żmien, fis-16 ta' Jannar 1220, li fra Berardo u sħabu sofrew il-martirju mis-Saraċini fil-belt ta' Marrakesh fil-Marokk.

Jidher ċar li l-biografi wara Celano komplew iżidu dettalji oħrajn li huma diskutibbli mil-lat storiku. Hekk jagħmel, per eżempju, San Bonaventura, fil-*Legenda Maior Sancti Francisci*, miktuba fl-1260-1263. Fir-rakkont tiegħu (LM IX,5-6) Bonaventura kellu l-mertu li kien

intervista lil fra Illuminato minn Rieti, li kien akkumpanja lil San Franġisk għand is-Sultan, u li fornih b'xi dettalji interessanti. Fost dawn insibu l-fatt li Franġisku u Illuminato jidħlu fil-kamp tas-Saraċini bħal ħrief qalb l-ilpup, u li jiġu ttrattati b'mod krudil sakemm jitwasslu quddiem is-Sultan. Dan id-dettall seta' kien veru, imma l-kronisti tal-Ħames Kruċjata li rajna ma jsemmu xejn minn dan.

L-aktar element li nistgħu insejħulu leġġendarju fir-rakkont ta' Bonaventura għandu x'jaqsam mal-fatt meta San Franġisk, quddiem is-Sultan al-Malek al-Kamel, sfida lill-mexxejja reliġjużi Musulmani għall-prova tan-nar. Dan il-fatt ġie mmortalizzat f'diversi rappreżentazzjonijiet ikonografiċi ta' San Franġisk matul is-sekli 13 u 14 minn pitturi tal-fama ta' Giotto Bondone u d-dixxipli tiegħu, bħall-każ tal-kappella Bardi f'Santa Croce, Firenze, tal-knisja ta' San Franġisk f'Montefalco, u postijiet oħrajn. Meta wieħed jaqra r-rakkont jidher ċar li San Franġisk ma jiġix ippreżentat bħala pellegrin umli imma pjuttost bħala Kruċjat li ried jisfida lis-Saraċini u jidħol fin-nar quddiem is-Sultan, biex hekk jurih li l-fidi vera kienet dik Kattolika u mhux ir-reliġjon Musulmana. Nafu mir-rakkont li s-Sultan u l-mexxejja reliġjużi tiegħu ma laqgħux l-isfida ta' Franġisku. Dan ir-rakkont fih ċertament element leġġendarju, imma forsi l-iskop ta' Bonaventura kien dak li juri l-ħeġġa kbira li kellu San Franġisk li jsofri l-martirju u jipprova jippriedka lil Kristu lis-Saraċini. Interessanti li Golubovich jinsisti fuq verità li hemm fil-bażi ta' dawn ir-rakkonti, u li tiġi kkonfermata saħansitra mill-kronisti tal-Ħames Kruċjata, jiġifieri li s-Sultan stieden lil San Franġisk joqgħod għandu għal diversi ġranet u kien jisimgħu, u li talbu wkoll jitlob għalih biex jasal għall-għarfien tal-fidi vera.

Dokument interessanti, imma li hu ċertament apokrifu, hu dak magħruf bħala *Verba fratris Illuminati* (*Il-Kliem ta' fra Illuminato*). Dan hu dokument li jitkellem dwar kif San Franġisk kellu jaffronta lis-Sultan li ried iqarraq bih billi jġiegħlu jirfes fuq tapit mimli disinji ta' slaleb, ħalli b'hekk ikun jista' jakkuża lil San Franġisk li jiddisprezza s-salib. Franġisku ma jinkwetax u jidħol normalment jirfes fuq it-tapit, u meta s-Sultan joġġezzjonalu li hu kien iddisprezza s-salib, Franġisku wieġbu li l-veru salib ta' Kristu kien tal-Kristjani, filwaqt li s-Saraċini kellhom is-slaleb tal-ħallelin imsallbin ma' Ġesù! U meta s-Sultan joġġezzjona li l-Kruċjati kienu qed jokkupaw artijiet mhux tagħhom, Franġisku tah tweġiba ta' Kruċjat, u qallu li kienu s-Saraċini li okkupaw l-artijiet li qabel kienu tal-Kristjani, u mhux bil-maqlub. Dan hu dokument li juri kif, lejn tmiem is-seklu 13, il-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan saret okkażjoni biex il-kittieba jiddefendu l-iskop tal-Kruċjata armata billi jappellaw għall-awtorità ta' San Franġisk innifsu!

L-element leġġendarju jidher ukoll fir-rakkont li nsibu fl-*Actus beati Francisci et sociorum eius*, 27, u fil-*Fioretti* ta' San Franġisk, 24. Dan ir-rakkont juri kif San Franġisk kien qed jivvjaġġa fl-artijiet tas-Saraċini, meta waħda prostituta stednitu jidneb magħha. San Franġisk talabha tmur miegħu fejn kien hemm ħuġġieġa nar jaqbad u nxteħet għeri fin-nar u stedinha tidħol miegħu biex tidneb. Il-mara nidmet mid-dnub tagħha u kkonvertiet. Fi tmiem il-laqgħa tiegħu mas-Sultan, dan talab lil Franġisku biex jitlob għas-salvazzjoni tiegħu, u Franġisku wiegħdu li hu kellu jsalvah billi jibgħatlu żewġ patrijiet biex jgħammduh f'isem Kristu qabel imut. U hekk seħħ. Meta San Franġisk kien diġà miet u kien qed imut ukoll is-Sultan al-Malek al-Kamel, San Franġisk deher lil żewġ patrijiet u bagħathom l-Eġittu biex jgħammdu lis-Sultan li hekk miet ta' nisrani u ġie salvat.

Naturalment dawn il-fonti fihom bosta elementi leġġendarji. L-*Actus* ġie

miktub minn fra Ugolino da Montegiorgio fl-1327-1337 u l-*Fioretti* huma adattament tiegħu tat-tieni nofs tas-seklu 14. Ġejjin mill-pinna ta' patrijiet *Spiritwali*, li kienu jiddefendu l-oriġinalità tas-sejħa Franġiskana b'ton polemiku, u li għamlu minn San Franġisk profeta tal-aħħar żminijiet. Imma l-aktar element importanti, li dwaru nitkellmu fl-artiklu li jmiss, hu l-fatt li l-*Actus* jgħidulna li s-Sultan ta *signaculum*, jew dokument (firman) lil San Franġisk, biex hu u l-patrijiet tiegħu jkunu jistgħu jivvjaġġaw żguri fit-territorji Saraċini:

"Il-missier l-aktar qaddis Franġisku, imqanqal mill-ħeġġa tal-fidi u tal-martirju, mar lil hinn mill-baħar ma' tnax minn sħabu l-aktar qaddisin, u ried imur direttament għand is-Sultan. Malli wasal fl-artijiet tal-pagani, fejn it-toroq kienu mħarsa minn irġiel kiefra li l-ebda Kristjan ma kien jista' jiltaqa' magħhom mingħajr ma jduq il-mewt, bir-rieda ta' Alla hu u sħabu ħelsu mill-mewt. Qabduhom, sawtuhom b'diversi manjieri u rabtuhom sewwa, imbagħad ħaduhom quddiem is-Sultan. Quddiemu, San Franġisk, mgħallem mill-Ispirtu s-Santu, ippriedka fuq il-fidi kattolika b'mod tant divin li offra lilu nnifsu



*San Bonaventura - Peter Paul Rubens*

biex jipprova l-verità tagħha billi jgħaddi min-nar. Meta ra dan is-Sultan wera qima kbira lejh, kemm għas-saħħa tal-fidi tiegħu, kif ukoll għall-mod kif kien jiddisprezza d-dinja - għax hu ma ried jirċievi l-ebda rigal minkejja l-fatt li kien fqir - kif ukoll minħabba l-fervur tal-martirju li wera. Minn dak il-waqt is-Sultan kien jisimgħu bil-qalb u kien jitolbu li jmur quddiemu ta' spiss. Fuq kollox, bil-ġenerożità kollha, ta lil San Franġisk u lil sħabu l-permess li jippridkaw liberament kull fejn iridu. U tahom ukoll *signaculum* (sinjal ta' rikonoxximent), biex hekk ħadd ma jagħmlilhom ħsara" (Traduzzjoni minn *Atti del Beato Francesco e dei suoi Compagni*, cap. 27, in *Fonti Agiografiche dell'Ordine Francescano*, 1547).

Meta naqraw dawn ir-rakkonti tiġina spontanja l-mistoqsija: kemm hemm verità storika fihom? X'inhu l-iskop tagħhom? Huma tassew ħrejjef? Ċertament mhux faċli nwieġbu, u nafu biżżejjed kemm il-biografi ta' San Franġisk u l-kompilaturi tas-seklu 14 riedu jagħtu idea tal-qaddis bħala wieħed li kien jaqbel mija fil-mija mal-ispirtu tal-Kruċjati. Forsi jeħtieġ insibu soluzzjoni bejn interpretazzjoni fidila tagħhom li tara fihom biss verità storika, u dik li tqishom bħala dokumenti artifiċjali li għawġu l-istorja għal skopijiet apoloġetiċi favur il-Kruċjata. Is-soluzzjoni għall-problema mhijiex faċli, għax id-dokumentazzjoni li għandna hi limitata. Rajna l-valur tal-kronisti tal-Ħames Kruċjata, kif ukoll l-iżviluppi li żiedu l-biografi ta' San Franġisk. Fuq min minnhom nistgħu norbtu l-argumenti tagħna b'mod konvinċenti?

Girolamo Golubovich għażel it-triq tal-moderazzjoni, u juri kif anke f'dawn ir-rakkonti hemm elementi ta' verità. Fadlilna naraw x'ġara meta San Franġisk irritorna mil-laqgħa tiegħu mas-Sultan al-Malek al-Kamel. Kemm dam fl-Orjent? Telaq lura l-Italja mill-ewwel jew inkella baqa' fl-Orjent għal xi żmien? Veru li hu żar l-Art Imqaddsa u l-Qabar ta' Kristu? Veru li l-istorja tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa tmur lura eżattament għal din il-mawra epika ta' Franġisku fl-artijiet "lil hinn mill-baħar", 800 sena ilu?